Nru. 18,328
Prezz/Price
€0.19

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ħamis, 23 ta' Ottubru, 2008
Thursday, 23rd October, 2008

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

NOTIFIKAZZJONI TAL-GVERN

Nru. 912

IL-PRIM MINISTRU JERĠA' LURA FUQ DMIRIJIETU

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Onor. Lawrence Gonzi, K.U.O.M., LL.D., M.P., reġa' daħal għal dmirijietu ta' Prim Ministru nhar it-Tlieta, il-21 ta' Ottubru, 2008 u l-arranġamenti magħmulin bin-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 902 tal-21 ta' Ottubru, 2008, ma baqgħux iseħħu f'dan is-sens.

Il-21 ta' Ottubru, 2008
(OPM 1/2008/II)

ATT TAL-2003 DWAR ELEZZJONIJIET GĦALL-PARLAMENT EWROPEW

Avviż

Il-Kummissjonarji Elettorali li ġew inkarigati b'*Writ* biddata tas-16 ta' Ottubru, 2008, bil-firma u s-siġill tal-President ta' Malta, biex jagħmlu elezzjoni ta' Membru tal-Parlament Ewropew biex jimtela l-post li tbattal minn Dott. Joseph Muscat, B.Comm., B.A. (Hons), M.A. (European Studies), Ph.D (Bristol), M.P., jgħarrfu b'dan illi l-persuni murija hawn taħt ġew nominati validament skond id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 22 tal-Att ta' l-2003 dwar Elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew u tar-regolament 19 tar-regolamenti murija taħt it-Tlettax-il Skeda ta' l-Att ta' l-1991 dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali, jiġifieri:

Bedingfield Glenn
Micallef Robert
Mintoff Lawrence Joe

Il-Kummissjonarji Elettorali jgħarrfu wkoll illi huma se jibdew jeżaminaw il-poloz ta' Dott. Joseph Muscat, B.Comm., B.A. (Hons), M.A. (European Studies), Ph.D (Bristol), M.P.,

GOVERNMENT NOTICE

No. 912

RESUMPTION OF DUTIES BY THE PRIME MINISTER

IT is notified for general information that the Hon. Lawrence Gonzi, K.U.O.M., LL.D., M.P., resumed duties as Prime Minister on Tuesday, 21st October, 2008 and that the arrangements made by Government Notice No. 902 of the 21st October, 2008, ceased to have effect accordingly.

21st October, 2008

EUROPEAN PARLIAMENT ELECTIONS ACT, 2003

Notice

The Electoral Commissioners duly entrusted by a Writ dated 16th October, 2008, under the hand and seal of the President of Malta, to cause an election of a Member of the European Parliament to fill the seat vacated by Dr Joseph Muscat, B.Comm., B.A. (Hons), M.A. (European Studies), Ph.D (Bristol), M.P., hereby notify that the following persons have been validly nominated in accordance with the provisions of Section 22 of the European Parliament Elections Act, 2003 and of regulation 19 of the regulations shown under Schedule Thirteen of the General Elections Act, 1991, viz:

Bedingfield Glenn
Micallef Robert
Mintoff Lawrence Joe

The Electoral Commissioners further notify that they will proceed to examine the ballot papers of Dr Joseph Muscat, B.Comm., B.A. (Hons), M.A. (European Studies), Ph.D

skond id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 22 tal-Att ta' l-2003 dwar Elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew u tar-regolament 21 tar-regolamenti murija taħt it-Tlettax-il Skeda ta' l-Att ta' l-1991 dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali nhar il-Ġimgħa, l-24 ta' Ottubru, 2008, fit-8.00 a.m. fil-Kumpless ta' l-Għadd tal-Voti, in-Naxxar.

It-23 ta' Ottubru, 2008

E.R. GATT
Kummissjonarju Elettorali Prinċipali

Dott. Joseph Mary Buttigieg
Is-Sur Mario Callus
Is-Sur Henry Distefano
Is-Sur Salvu Fenech
Is-Sur Vanni Ganado
Is-Sur Salvu Sant
Is-Sur Tony Sultana
Dott. Raymond Zammit

Kummissjonarji Elettorali

Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali,
Evans Building,
Misraħ Sant'Jiermu,
Il-Belt Valletta.

(Bristol), M.P., in accordance with the provisions of Section 22 of the European Parliament Elections Act, 2003 and of regulation 21 of the regulations shown under Schedule Thirteen of the General Elections Act, 1991, on Friday, 24th October, 2008, at 8.00 a.m. at the Counting Hall Complex, Naxxar.

23rd October, 2008

E.R. GATT
Chief Electoral Commissioner

Dr Joseph Mary Buttigieg
Mr Mario Callus
Mr Henry Distefano
Mr Salvu Fenech
Mr Vanni Ganado
Mr Salvu Sant
Mr Tony Sultana
Dr Raymond Zammit

Electoral Commissioners

Office of the Electoral Commission,
Evans Building,
St Elmo Square,
Valletta.

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 114

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li bis-setgħat mogħtija bl-Avviż Legali 94/97, it-toroq imsemmija hawn taħt se jkunu meqjusa bħala Żoni ta' Rmonk fid-data u l-ħinijiet indikati.

Bis-saħħa tal-artikolu 52 (1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-passaġġ u twaqqif ta' vetturi huwa pprojbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-data u l-ħinijiet indikati.

Ħal Għargħur

Nhar il-Ħadd, is-26 ta' Ottubru 2008 mill-5.00 a.m. sas-1.00 p.m. minn Triq San Bartilmew u Misraħ il-Knisja.

Vetturi li jinsabu jiksru l-ordni ta' dan l-avviż, ikunu soġġett li jiġu rmunkati.

It-23 ta' Ottubru, 2008

POLICE NOTICE

No. 114

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Legal Notice 94/97, the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones as indicated on the date and times hereunder.

In virtue of section 52 (1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65) the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended or deviated on the date and times indicated.

Għargħur

On Sunday, 26th October 2008 from 5.00 a.m. till 1.00 p.m. through Triq San Bartilmew and Misraħ il-Knisja.

Vehicles found in contravention of this notice, are subject to be towed.

23rd October, 2008

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 115

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li bis-setgħat mogħtija bl-Avviż Legali 101/97, it-toroq imsemmija hawn taħt se jkunu meqjusa bħala Żoni ta' Rmonk fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Bis-saħħa tal-artikolu 52 (1) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-passaġġ u twaqqif ta' vetturi huwa pprojbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Il-Fgura

Nhar is-Sibt, il-25 ta' Ottubru 2008 bejn it-8.00 a.m. u nofsillejl minn Wesgħa l-Kunsill tal-Ewropa.

Nhar il-Ħadd, is-26 ta' Ottubru 2008 bejn it-8.00 a.m. u s-1.00 p.m. minn Pjazza Reggie Miller.

Nhar il-Ħadd, is-26 ta' Ottubru 2008 bejn it-8.00 a.m. u nofsillejl minn Wesgħa l-Kunsill tal-Ewropa u Vjal Kottoner.

Nhar il-Ħadd, is-26 ta' Ottubru 2008 bejn nofsinhar u nofsillejl minn Triq Hompesch minn Triq il-Karmnu sa Triq is-Sur.

Nhar il-Ħadd, is-26 ta' Ottubru 2008 Car Free Day mit-8.00 a.m. sa nofsillejl minn Triq Hompesch minn kantuniera ma' Triq San Tumas sal-Mina ta' Hompesch u Wesgħa l-Kunsill tal-Ewropa.

Vetturi li jinstabu jiksru l-odni ta' dan l-avviż, ikunu soġġetti li jiġu rmunkati.

It-23 ta' Ottubru, 2008

POLICE NOTICE

No. 115

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Legal Notice 101/97, the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones as indicated on the dates and times hereunder.

In virtue of section 52 (1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65) the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder is prohibited on the dates and times indicated.

Fgura

On Saturday, 25th October 2008 between 8.00 a.m. and midnight through Wesgħa l-Kunsill tal-Ewropa.

On Sunday, 26th October 2008 between 8.00 a.m. and 1.00 p.m. through Pjazza Reggie Miller.

On Sunday, 26th October 2008 between 8.00 a.m. and midnight through Wesgħa l-Kunsill tal-Ewropa and Vjal Kottoner.

On Sunday, 26th October 2008 between noon and midnight through Triq Hompesch from Triq il-Karmnu to Triq is-Sur.

On Sunday, 26th October 2008 Car Free Day from 8.00 a.m. to midnight through Triq Hompesch as from corner with Triq San Tumas up to Hompesch Gate and Wesgħa l-Kunsill tal-Ewropa.

Vehicles found in contravention of this notice are subject to be towed.

23rd October, 2008

DIPARTIMENT TAL-EŻAMIJIET

Eżami għall-Postijiet ta' *Second Secretary* fis-Servizz Diplomatiku tal-Gvern ta' Malta - 2008

Id-Direttur tal-Eżamijiet jgħarraf li l-avviż tal-eżami msemmi hawn fuq intbagħat lill-kandidati kkonċernati.

Dawk l-applikanti li ma rċevewx l-avviż tal-eżami huma mitluba biex jikkuntattjaw minnufih lid-Dipartiment tal-Eżamijiet, il-Furjana fuq in-numru tat-telefon 2598 2216.

It-23 ta' Ottubru, 2008

DEPARTMENT OF EXAMINATIONS

Examination for the Posts of Second Secretary in the Diplomatic Service of the Government of Malta - 2008

The Director of Examinations notifies that the notice of the above mentioned examination has been sent to candidates concerned.

Those candidates who have not received the notice of the examination are invited to contact the Department of Examinations, Floriana, immediately on telephone number 2598 2216.

23rd October, 2008

DIPARTIMENT TA' L-INFORMAZZJONI – 3, PJAZZA KASTILJA – VALLETTA – MALTA
DEPARTMENT OF INFORMATION – 3, CASTILLE PLACE – VALLETTA – MALTA

PUBBLIKAZZJONIJIET UFFIĊJALI
OFFICIAL PUBLICATIONS

Acts of Parliament 2007 on compact disc (CD)	€13.98
Annual Reports of Government Departments – 2006 on compact disc (CD)	€11.65
CHOGM & State Visit Highlights in pictures on compact disc (CD)	€6.99
Code of Ethics and Conduct for Legal Procurators 1998	€2.33
Code of Ethics for Members of the Judiciary	€2.33
Creating Inclusive Schools: Guidelines for the Implementation of the NMC Policy on Inclusive Education	€4.19
Diskors tal-*Budget* 2008	€2.33
Economic Bulletin – July 2007	€4.66
Economic Survey 2007	€4.66
Electoral Register, April 2008	€24.18
Electoral Register, Local Councils, April 2008	€94.54
Estimates 2008	€4.66
Financial Report 2007	€6.99
Il-Manwal tal-President tar-Repubblika	€1.16
Industry Strategy for Malta: 2007-2010	€2.33
Kodiċi ta' Etika għall-Ġudikanti	€2.33
Legal Notices and Bye-Laws 2007 on compact disc (CD)	€13.98
Malta's Parliament – An Official History	€41.93
Mid-Year Report by the Auditor General – Public Accounts 2005	€4.08
National Curriculum on its Way – Strategic Plan	€2.33
National Curriculum on its Way – Strategic Plan – Abridged	€0.58
Performance Audit – ETC's Job Matching Service– Report by the Auditor General	€3.49
Performance Audit – Inventory Strategy and Distribution of Pharmaceutical Products – Health Division	€4.08
Performance Audit – Quality of Life for the Elderly at St. Vincent de Paul Residence	€3.49
Performance Audit – School Information System – Education Division	€4.66
Performance Audit Report – The Functions of the Tax Compliance Unit	€3.49
Performance Audit – Reviewing VAT Liability: VAT Investigations and Credit Control Exercises	€3.49
Portfolio Assessments	€9.32
Preliminary Master Plan for the Euro Changeover in Malta	no charge
Public Service Management Code (6th Edition – December 2005)	€16.31
Report of the Auditor General – Public Accounts 2004	€3.49
Strateġija għall-Industrija ta' Malta: 2007-2010	€2.33
The Press Act	€1.16
The Registers of the Medical Council (Malta) 2005	€6.99
Tifkira fl-Okkażjoni tal-Kanonizzazzjoni ta' Dun Ġorġ – L-aħħar tislima Lulju 1962 (DVD)	€4.66

Dawn il-Pubblikazzjonijiet jistgħu jinxtraw mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni
3, Pjazza Kastilja, Valletta, Malta

These Publications are obtainable from the Department of Information
3, Castille Place, Valletta, Malta
www.doi.gov.mt
info@gov.mt

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern — *Printed at the Government Printing Press*